



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0229/2023**

3.7.2023

# RAPPORT

dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2022 dwar il-Bożnija-Herzegovina  
(2022/2200(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Paulo Rangel

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	25
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	26
VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	27

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2022 dwar il-Bożnija-Ħerzegovina (2022/2200(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jstabilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-eżiti tal-ewwel u t-tieni laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina, li saru fil-5 u s-6 ta' Novembru 2015 u fis-17 ta' Ġunju 2021 rispettivament,
- wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għal sħubija mal-UE, li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Frar 2016,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-summits bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li saru f'Sofija fis-17 ta' Mejju 2018, f'Zagreb fis-6 ta' Mejju 2020, fi Brdo pri Kranju fis-6 ta' Ottubru 2021 u f'Tirana fis-6 ta' Diċembru 2022,
- wara li kkunsidra s-summit ta' Sofija tal-10 ta' Novembru 2020, inkluża d-Dikjarazzjoni dwar is-Suq Reġjonali Komuni u d-Dikjarazzjoni dwar l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent,
- wara li kkunsidra r-riżultati tad-disa' Summit tal-Proċess ta' Berlin tat-3 ta' Novembru 2022,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1923 tal-4 ta' Novembru 2021 dwar Miżura ta' Assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-bini ta' kapacià għall-Forzi Armati tal-Bożnija-Ħerzegovina<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2353 tal-1 ta' Diċembru 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tal-Bożnija-Ħerzegovina<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022,

---

<sup>1</sup> [ĠU L 164, 30.6.2015, p. 2.](#)

<sup>2</sup> [ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1.](#)

<sup>3</sup> [ĠU L 391, 5.11.2021, p. 45.](#)

<sup>4</sup> [ĠU L 311, 2.12.2022, p. 149.](#)

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-Ukrajna, il-Balkani tal-Punent, l-applikazzjonijiet għas-sħubija fl-UE tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia, u r-relazzjonijiet esterni,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 li jagħtu l-istatus ta' pajjiż kandidat tal-UE lill-Bożnija-Ħerzegovina,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2019, bit-titolu “Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għal sħubija mal-Unjoni Ewropea” (COM(2019)0261) u r-rapport analitiku li jakkumpanjahha (SWD(2019)0222),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu “It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent” (COM(2020)0057),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2020 bit-titolu “Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija – Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni qabel il-laqgħa tal-mexxejja UE-Balkani tal-Punent fis-6 ta' Mejju 2020” (COM(2020)0315),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 bit-titolu “Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent” (COM(2020)0641),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 bit-titolu “Komunikazzjoni tal-2022 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE” (COM(2022)0528),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 bit-titolu “Rapport 2022 dwar il-Bożnija-Ħerzegovina” (SWD(2022)0336),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (COM(2021)0170),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu “Unjoni ta' Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteeċipazzjoni (COM(2020)0620),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali, adottata fil-25 ta' Frar 1991;
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-20 ta' Ottubru 2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tas-17 ta' Ottubru 2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli,

- wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tal-10 ta' Jannar 2022 bit-titolu “Appoġġ mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi, għad hemm problemi fundamentali”, u r-Rapport Speċjali Nru 09/2021 tal-QEA tat-3 ta' Ġunju 2021 bit-titolu “Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata”,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-esperti tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fil-Bożnija-Ħerzegovina,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-11 ta' Marzu 2005 dwar is-sitwazzjoni kostituzzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina u s-setgħat tar-Rappreżentant Għoli, u r-rakkomandazzjonijiet sussegwenti tagħha dwar kwistjonijiet kostituzzjonali fil-Bożnija-Ħerzegovina,
- wara li kkunsidra l-kumpilazzjoni tal-opinjoni u r-rapporti tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar l-istabbiltà tal-liġi elettorali,
- wara li kkunsidra s-sentenzi rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem favur l-atturi, inklużi Azra Zornić<sup>5</sup> u Dervo Sejdić u Jakob Finci<sup>6</sup>, fost oħrajn,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Mostar iffirmat fis-17 ta' Ġunju 2020 dwar l-elezzjonijiet f'Mostar,
- wara li kkunsidra l-ftehim politiku tat-12 ta' Ġunju 2022 dwar il-prinċipji għall-iżgurar ta' Bożnija-Ħerzegovina funzjonali li tavvanza tul il-perkors Ewropew tagħha,
- wara li kkunsidra l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2022 ta' Transparency International, li jikklassifika l-Bożnija-Ħerzegovina fil-110 post minn total ta' 180 pajjiż,
- wara li kkunsidra t-62 rapport tar-Rappreżentant Għoli għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi dwar il-Bożnija-Ħerzegovina tat-2 ta' Novembru 2022 lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u r-rapporti preċedenti,
- wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni Nru 2658(2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Novembru 2022, li estendiet il-mandat tal-forza mmexxija mill-UE (EUFOR) fil-Bożnija-Ħerzegovina sat-2 ta' Novembru 2023,
- wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'Madrid fid-29 ta' Ġunju 2022 u d-Dikjarazzjoni tas-Summit tan-NATO ta' Madrid,
- wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Ministri tad-Difiża tan-NATO fl-14 u l-15 ta' Frar 2023,

<sup>5</sup> Sentenza tal-15 ta' Lulju 2014.

<sup>6</sup> Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2009.

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton li jistabbilixxi l-mandat tal-Missjoni tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) fil-Bożnija-Herzegovina,
  - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Bożnija-Herzegovina, li tiddikjara li hemm tliet lingwi uffiċjali fil-pajjiż, u l-kostituzzjonijiet tal-entità tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina u l-entità tar-Republika Srpska,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar il-Kommemorazzjoni ta' Srebrenica<sup>7</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar l-20 anniversarju mill-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton<sup>8</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fil-Balkani tal-Punent, wara s-Summit 2020<sup>9</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Balkani tal-Punent<sup>10</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2022 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Politika Barranija, ta' Sigurtà u ta' Difiża tal-UE wara l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna min-naħa tar-Russja<sup>11</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir<sup>12</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bożnija-Herzegovina,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0229/2023),
- A. billi t-tkabbir huwa l-aktar strument effikaċi tal-politika barranija tal-UE, waħda mill-aktar politiki ta' suċċess tal-Unjoni, u jirrappreżenta investiment ġeostrateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità u l-istabbiltà u s-sigurtà tal-kontinent kollu; billi l-politika tat-tkabbir tinċentiva u tinkoraġġixxi l-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE;

<sup>7</sup> [ĠU C 265, 11.8.2017, p. 142.](#)

<sup>8</sup> [ĠU C 399, 24.11.2017, p. 176.](#)

<sup>9</sup> [ĠU C 362, 8.9.2021, p. 129.](#)

<sup>10</sup> [ĠU C 251, 30.6.2022, p. 87.](#)

<sup>11</sup> [ĠU C 493, 27.12.2022, p. 136.](#)

<sup>12</sup> [ĠU C 167, 11.5.2023, p. 105.](#)

- B. billi l-UE jeħtiġilha tonora l-wegħdjet tagħha u l-mexxejja politiċi fil-pajjiżi kandidati jridu juru rieda politika ġenwina fir-rigward tal-proċessi ta' riforma; billi l-posponimenti ripetuti fil-proċess tal-adeżjoni u n-nuqqas ta' rieda politika ġenwina mill-mexxejja politiċi fil-pajjiżi kandidati naqqsu b'mod konsiderevoli l-effikaċja tiegħu u l-appoġġ taċ-ċittadini għall-adeżjoni mal-UE;
- C. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna dgħajfet is-sigurtà u l-istabbiltà fil-kontinent Ewropew, uriet l-imperattiv strateġiku tal-integrazzjoni tal-UE u komplet tenfasizza l-importanza tal-allinjament tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) fil-pajjiżi kandidati; billi dan wassal għal momentum ġdid fit-tkabbir, li wassal lill-UE biex taċċellera l-konsenji li ilhom li saru lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent;
- D. billi kull pajjiż tat-tkabbir għandu jiġi ġġudikat fuq il-merti tiegħu stess, b'enfasi fuq riformi ewlenin, ibbażati fuq il-kriterji ta' Copenhagen dwar l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-istandards demokratiċi, ġudikatura indipendenti, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet tal-media;
- E. billi l-ġejjieni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea; billi l-maġġoranza ċara tal-popolazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina jaspiraw lejn l-integrazzjoni Ewro-Atlantika għall-paċi, l-istabbiltà, id-demokrazija u l-prosperità sostenibbli;
- F. billi l-Bożnija-Ħerzegovina nġhatat l-istatus ta' pajjiż kandidat tal-UE; billi l-progress tagħha lejn l-adeżjoni mal-UE jiddependi milli jiġu ssodisfati l-14-il prijorità ewlenija identifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE; billi l-Kunsill stieden lit-tmexxija tal-Bożnija-Ħerzegovina tiffinalizza b'mod urġenti r-riformi kostituzzjonali u elettorali;
- G. billi l-avvanz tal-Bożnija-Ħerzegovina lejn l-adeżjoni mal-UE jirrikjedi rikonċiljazzjoni ġenwina, ibbażata fuq il-karattru varjat u multikulturali tal-pajjiż u l-entitajiet tiegħu, u r-rispett għall-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tiegħu, id-drittijiet ugwali, u n-nondiskriminazzjoni għaċ-ċittadini kollha tiegħu, skont l-istandards u l-valuri tal-UE;
- H. billi aktar minn 25 sena wara tmiem il-gwerra, il-pajjiż għadu qed jiffaċċja diviżjoni profonda promossa minn elit politiku, tentattivi seċessjonisti mit-tmexxija tal-entità tar-Repubblika Srpska (RS) u sfidi fl-istat tad-dritt, il-governanza, l-obbligu ta' rendikont, il-libertà tal-espressjoni u l-media, kif ukoll il-korruzzjoni, li jikkontribwixxu għat-tluq ta' eluf ta' ċittadini kull sena; billi d-diskriminazzjoni fil-Bożnija-Ħerzegovina abbażi tal-etniċità, il-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi għadhom joħolqu sfida;
- I. billi fit-23 ta' Marzu 2023, l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Srpska adottat emendi għall-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika Srpska, li jintroduċu mill-ġdid pieni kriminali għall-malafama, u l-President tal-entità tar-Repubblika Srpska Milorad Dodik ħabbar pjanijiet biex tiġi introdotta liġi dwar l-"aġent barrani";
- J. billi l-UE hija s-sieħeb politiku, kummerċjali u ta' investiment ewleni tal-Bożnija-Ħerzegovina u l-akbar fornitur ta' assistenza finanzjarja tagħha, b'mod partikolari permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), kif ukoll il-Pjan ta' Investiment Ekonomiku għall-Balkani tal-Punent u l-Assistenza Makrofinanzjarja;

- K. billi l-atturi responsabbli għall-indhfil dirett u bi prokura barrani malizzjuż u d-diżinformazzjoni għandhom l-għan li jiżirgħu d-diżgwid, il-vjolenza u t-tensjonijiet interetniċi, u jiddestabilizzaw lill-Bożnija-Ħerzegovina u r-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi dawn l-azzjonijiet għandhom l-għan li jippreżentaw lill-UE bħala sieħeb mhux affidabbli u mhux involut għall-Balkani tal-Punent;

### *Impenn għall-adeżjoni mal-UE*

1. Jilqa' pożittivament id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Bożnija-Ħerzegovina fil-kuntest ta' realtà ġeopolitika mibdula, bil-patt u l-kundizzjoni li jittieħdu azzjonijiet biex iħejju l-pajjiż għan-negozjati ta' adeżjoni; itenni l-appoġġ ċar tiegħu għall-integrazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina mal-UE, ibbażata fuq l-unità, is-sovranità u l-integrità territorjali;
2. Jirrikonoxxi l-importanza tal-Balkani tal-Punent fil-politika tat-tkabbir tal-UE, u jhegġegħ lill-UE taċċellera l-proċess ta' adeżjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina, abbażi tal-merti tagħha stess;
3. Ifaħħar l-implimentazzjoni rapida tar-riżultati tal-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru 2022, il-ħatra ta' gvern ġdid fil-livell tal-istat, l-iffirmar ta' programm ta' koalizzjoni u t-tkomplija tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi; jilqa' l-ħatra tal-President u ż-żewġ Viċi Presidenti tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina u l-formazzjoni tal-gvernijiet fil-livell tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina u l-cantons tagħha; jiddispjaċih dwar l-imblukkar politiku li xekkel it-tlestija ta' dan, li kellu jingħeleb mill-atturi domestiċi; jinnota l-intervent tar-Rappreżentant Għoli biex jiżblokka l-istaġnar politiku; jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm awtoritajiet stabbiliti fil-livelli kollha biex ikomplu b'suċċess il-proċessi ta' riforma meħtieġa għall-progress fit-triq lejn l-UE;
4. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet politiċi kollha jaħtflu l-momentum biex javvanzaw b'mod sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-14-il prijorità ewlenin skont l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini kollha, filwaqt li jirrispettaw l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet u l-kwalità u t-trasparenza tal-proċess; jiddispjaċih dwar il-pass kajman tal-implimentazzjoni mill-2019; ihegġegħ lill-atturi politiċi kollha jtemmu l-imblokki istituzzjonali li jdewmu t-teħid ta' deċiżjonijiet importanti, iżommu lura minnhom u jegħlbuhom, biex jevitaw li jmorru lura għal politiki ostruttivi u retorika nazzjonalistika, u juru impenn, jipprijoritizzaw u jagħmlu progress sinifikanti fir-riformi meħtieġa relatati mal-UE billi javvanzaw fil-passi deskritti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u fil-ftehim politiku ta' Brussell tat-12 ta' Ġunju 2022 dwar il-prinċipji għall-iżgurar ta' Bożnija-Ħerzegovina funzjonali;
5. Jissottolinja li t-triq tal-Bożnija-Ħerzegovina lejn l-adeżjoni mal-UE jeħtieġ li tkun ankrata f'istituzzjonijiet demokratiċi li jiffunzjonaw, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għaċ-ċittadini kollha;
6. Jappella għal koordinazzjoni, armonizzazzjoni u allinjament konsistenti mal-istandards tal-UE u l-integrazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha tal-politika, kif ukoll ippjanar u monitoraġġ aħjar tar-riformi permezz ta' koordinazzjoni politika u teknika, inkluż billi



jiġi adottat programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE mill-awtoritajiet kompetenti tal-Bożnija-Ħerzegovina mingħajr aktar dewmien;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jipprovdu appoġġ finanzjarju u tekniku għall-integrazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fl-UE abbażi tal-mertu u tal-kundizzjonalità stretta, jippromwovu u jappellaw għall-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-inklużività tal-proċessi ta' riforma, jipubblikaw spjegazzjonijiet dettaljati tal-14-il prijorità ewlenija u l-kriterji ta' kejl għall- prijoritajiet ewlenin biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tal-UE u jsaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ fil-Bożnija-Ħerzegovina; jappella għall-kooperazzjoni koordinata tagħhom mal-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina, li trawwem kundizzjonijiet li jwasslu għal progress fl-integrazzjoni tal-UE, kif ukoll mas-sħab rilevanti; jilqa', f'dan il-kuntest, l-ewwel laqgħa tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli fil-Bożnija-Ħerzegovina, li saret f'Sarajevo fis-17 ta' Mejju 2023;
8. Ifakkar fit-tfassib tiegħu dwar l-allegazzjonijiet rigward ir-rwol tal-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir; ifakkar fl-obbligi tal-integrità, id-diskrezzjoni u l-indipendenza tal-Kummissarji, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni; iħeġġeġ mill-ġdid lill-Kummissjoni tagħti bidu għal investigazzjoni indipendenti u imparzjali biex taċċerta jekk il-kondotta u l-politiki li ppersegwa l-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir jikkostitwux ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni u tal-obbligi tal-Kummissarju skont it-Trattati;
9. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-mandati tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR) fir-rigward tal-aspetti ċivili, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-istabbiltà u tal-proċessi demokratiċi fil-Bożnija-Ħerzegovina, u tal-Operazzjoni Althea tal-EUFOR fir-rigward tal-aspetti militari fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, sakemm il-pajjiż ikun wettaq l-“aġenda 5+2” u sakemm tintemm is-superviżjoni internazzjonali tiegħu;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jinvolvu ruħhom b'mod pożittiv mal-OHR u l-EUFOR Althea u jiddependu fuqhom biex jippreservaw l-istabbiltà fil-Bożnija-Ħerzegovina, u b'hekk jiffaċilitaw l-isforzi ta' adeżjoni mal-UE; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw dan l-impenn u jirrispondu b'mod urġenti għall-isfidi għas-sigurtà Ewropea ppreżentati mir-Russja, iż-żieda fit-tensjonijiet fil-Bożnija-Ħerzegovina u l-atti seċessionisti li jimminaw il-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton;
11. Jilqa' l-estensjoni tal-mandat tal-EUFOR Althea sa Novembru 2023; ifakkar li din il-missjoni għad għandha rwol fundamentali għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Bożnija-Ħerzegovina, inkluż fl-appoġġ tat-tneħħija ta' żoni b'mini tal-art; jilqa', f'dan il-kuntest, il-monitoraġġ u l-kontroll tagħha tal-qerda ta' munizzjon u armi żejda; jistieden lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jiżguraw il-preżenza kontinwa u t-tiġdid futur tal-mandat tal-EUFOR Althea, kif ukoll kapaċitajiet imsaħħa, li jagħmluha aktar adattata għall-ħtiġijiet operazzjonali, anke fil-każ ta' theddid f'daqqa u l-ħtieġa ta' reazzjoni fi żmien qasir; jappella għall-kunsiderazzjoni tal-iskjerament ta' persunal u kapaċitajiet addizzjonali għall-EUFOR Althea fir-rigward tad-distrett ta' Brčko;

12. Jilqa' l-attivitajiet tal-OSKE fil-Bożnija-Herzegovina, fost l-oħrajn, l-involviment tagħha fil-kontroll tal-armi, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-investigazzjonijiet dwar id-delitti tal-gwerra u fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jenfasizza l-attivitajiet tagħha dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ tagħha għall-governanza tajba u r-riforma tal-media, is-soċjetà ċivili, l-inizjattivi tad-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-kunflitti; jirrikonoxxi d-djalogu tal-Bożnija-Herzegovina mal-OSKE biex tippromwovi l-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni;
13. Ifaħħar l-allinjament miżjud tal-Bożnija-Herzegovina mal-PESK tal-UE; iħeġġeġ titjib kontinwu u allinjament sħiħ f'dan ir-rigward, u biex jiġu evitati inkonsistenzi fil-pożizzjonijiet tal-politika barranija; jistieden bil-qawwa lill-atturi kollha jikkundannaw b'mod inekwivoku l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja u jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet immirati kollha li jirriżultaw mill-allinjament tal-PESK, b'mod partikolari kontra r-Russja u l-Belarusja;
14. Jilqa' l-vot tal-Bożnija-Herzegovina favur riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u s-sospensjoni tar-Russja mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem; jiddeplora, madankollu, il-pożizzjoni tat-tmexxija tal-entità tar-Repubblika Srpska favur ir-Russja u l-ġhoti ta' dekorazzjoni lil Vladimir Putin; jikkundanna bil-qawwa ż-żjara f'Moska fit-23 u l-24 ta' Mejju 2023 minn Milorad Dodik u Nenad Stevandić, Speaker tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Srpska, u l-laqgħat tagħhom ma' Vladimir Putin u atturi politiċi Russi ta' livell għoli oħrajn; jirrifjuta bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet u r-retorika espressi fil-kuntest ta' din iż-żjara u jibqa' mħasseb serjament dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tar-rabtiet ma' uffiċjali għolja Russi; jikkundanna l-laqgħat ma' atturi politiċi Iranjani ta' livell għoli u l-astensjonijiet fil-voti tan-NU dwar l-Iran, fost ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u l-ġhoti ta' droni lir-Russja fil-kuntest tal-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna; jitlob lill-Bożnija-Herzegovina titbiegħed b'mod kredibbli mir-reġimi antidemokratiċi;
15. Jappoġġja bil-qawwa l-aspirazzjonijiet sostnuti tal-Bożnija-Herzegovina lejn l-integrazzjoni Ewro-Atlantika u s-sħubija fin-NATO u jistieden lill-atturi politiċi kollha jaġixxu fuqhom b'azzjoni politika konkreta; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Ministru għad-Difiża tal-Bożnija-Herzegovina fis-Summit tan-NATO ta' Madrid tal-2022, l-impenn tan-NATO li tagħti spinta lill-appoġġ imfassal apposta lill-Bożnija-Herzegovina biex tibni l-integrità u r-reżiljenza, tiżviluppa l-kapaċitajiet u tiddefendi l-indipendenza politika, u l-pakkett ta' għajjuna tagħha lill-Bożnija-Herzegovina; jilqa' wkoll id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'valur ta' EUR 10 miljun għall-benefiċċju tal-Forzi Armati tal-Bożnija-Herzegovina (AFBiH) u l-Kuntratt ta' Kooperazzjoni u Taħriġ għall-2023 bejn l-AFBiH u l-EUFOR; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina taħdem biex tiffirma unitajiet multietniċi tal-AFBiH;
16. Jiddenunzja bl-aktar mod qawwi r-retorika xewwiexa u l-liġijiet u l-politiki seċessjonisti rikorrenti min-naħa tat-tmexxija tal-entità tar-Repubblika Srpska, inkluża ċ-ċelebrazzjoni tal-hekk imsejjaħ "Jum tar-Repubblika Srpska" antikostituzzjonali u avvenimenti oħra li jikkawżaw tensjonijiet, kif ukoll ir-rifjut li jiġu implimentati s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Herzegovina; jiddenunzja l-preżenza ta' uffiċjali għolja tal-Gvern Serb fl-okkażjoni tal-"Jum tar-Repubblika Srpska" antikostituzzjonali; jissottolinja li tali azzjonijiet jiddestabilizzaw lill-Bożnija-Herzegovina, idgħajfu l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jikkontradixxu l-perspettiva tal-UE

tal-Bożnija-Herzegovina u jipperikolaw l-aċċess għall-finanzjament tal-UE; jiddeplora, f' dan il-kuntest, id-deċiżjoni tal-gvern tal-entità tar-Repubblika Srpska li jaqta' l-kuntatti diplomatiċi mar-rappreżentanti uffiċjali tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti;

17. Ihegġegħ lill-istituzzjonijiet internazzjonali u tal-UE rilevanti jimmonitorjaw mill-qrib l-iżvilupp tal-forzi tal-pulizija fl-entità tar-Repubblika Srpska, b' enfasi speċjali fuq l-iżvilupp possibbli ta' funzjonijiet paramilitari jew militari, li jistgħu joħolqu tensjonijiet addizzjonali, jheddu s-sigurtà u l-istabbiltà fil-Bożnija-Herzegovina, u jkunu inkompatibbli mal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton;
18. Jikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjoni konġunta tal-maġġoranza fil-gvern fl-entità tar-Repubblika Srpska dwar il-protezzjoni tal-proprjetà tal-istat u l-istatus kostituzzjonali tal-entità tar-Repubblika Srpska, li talbet li unità speċjali timmonitorja l-linja bejn l-entitajiet;
19. Itenni l-appell tiegħu għal sanzjonijiet immirati kontra atturi politiċi destabilizzanti fil-Bożnija-Herzegovina, inklużi dawk li jheddu s-sovranià u l-integrità territorjali tagħha, b' mod partikolari Milorad Dodik, kif ukoll uffiċjali għolja oħra tar-Repubblika Srpska u uffiċjali ta' pajjiżi terzi li jipprovdu appoġġ politiku u materjali għall-politiki seċessjonisti; jistieden lill-Istati Membri kollha jiżguraw li tali sanzjonijiet ikunu jistgħu jiġu adottati mill-Kunsill; ifakkar li l-qafas tal-UE għal miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bożnija-Herzegovina huwa fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2024;
20. Jikkundanna l-indhila barrani malizzjuż, il-kampanji ta' diżinformazzjoni u l-isforzi ta' destabilizzazzjoni kollha minn atturi internazzjonali u reġjonali fil-Bożnija-Herzegovina, b' mod partikolari d-destabilizzazzjoni kontinwa tal-Balkani tal-Punent mir-Russja; jibqa' mħasseb ħafna dwar ir-rabtiet, iż-żjarat u l-laqqgħat prominenti bejn it-tmexxija tal-entità tar-Repubblika Srpska u personalitajiet politiċi ta' livell għoli u uffiċjali għolja fir-Russja, il-preżenza u l-attivitajiet possibbli tal-Grupp Wagner fil-pajjiż, kif ukoll narrattivi ta' propaganda Russi mmexxija minn atturi barranin u domestiċi, inklużi dawk li juru lill-UE bħala sieħeb mhux affidabbli u mhux interessat;
21. Jistieden lill-pajjiżi kollha fir-reġjun jimpenjaw ruħhom għall-istabbiltà u l-integrità territorjali tal-Bożnija-Herzegovina, jikkundannaw l-użu ta' retorika xewwiexa u jikkontribwixxu b' mod kostruttiv għall-progress tal-Bożnija-Herzegovina lejn l-adeżjoni mal-UE;
22. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE, lid-Delegazzjoni tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina u lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina jintensifikaw l-isforzi fil-promozzjoni tal-benefiċċji ta' integrazzjoni aktar mill-qrib u jinvestu f' kampanji ta' komunikazzjoni biex jiġġieldu l-influwenza barranija u n-narrattivi malizzjużi, inkluż permezz ta' reazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza għal theddid bħal dan, u billi jespandu l-monitoraġġ StratCom biex jiffoka fuq it-theddid transfruntier ta' diżinformazzjoni; jirrakkomanda li jitlaqqgħu djalogi mas-soċjetà ċivili tal-Balkani tal-Punent u s-settur privat biex jiġu kkoordinati l-isforzi kontra d-diżinformazzjoni reġjonalment u b' għarfien espert lokali; jilqa' t-tnedija ta' kampanja mill-Uffiċċju tal-UE fil-Bożnija-Herzegovina biex jithegġegħ il-progress fl-integrazzjoni tal-UE bit-titolu "Il-progress jista' jintlaħaq";

23. Jistieden lill-UE żżid il-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent biex issaħħaħ ir-reżiljenza demokratika u tiġġieled it-theddid ibridu, inkluż fiċ-ċibersigurtà, filwaqt li tipproteġi l-infrastruttura kritika u s-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija; ifakkar li l-Kunsill irrikonoxxa fil-Boxxla Strateġika li s-sigurtà u l-istabbiltà fil-Balkani tal-Punent għadhom mhumiex ċertezza u li hemm riskju ta' riperkussjonijiet potenzjali mid-deterjorament attwali fis-sigurtà Ewropea;
24. Jisħaq li l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-pluraliżmu, l-appoġġ għal media ħielsa u indipendenti, id-drittijiet fundamentali u l-allinjament mal-PESK jeħtieġ li jiġu integrati fil-finanzjament tal-IPA III tal-UE, li jrid ikun ibbażat fuq kundizzjonalità stretta u modulata, jew saħansitra sospiż, fil-każ ta' rigressjoni sinifikanti jew nuqqas persistenti ta' progress f'dawn l-oqsma, kif minqux fir-Regolament IPA III, u salvagwardjat minn sorveljanza komprensiva u bir-reqqa mill-Kummissjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità, u biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali Nru 01/2022 tal-QEA;
25. Ifakkar li l-finanzjament tal-UE għal proġetti fl-entità tar-Repubblika Srpska irid jibqa' ffriżat sakemm jitreggħa' lura r-rigress demokratiku mill-entità tar-Repubblika Srpska u sakemm ikun hemm allinjament sħiħ mal-PESK, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi; jistieden lill-Kummissjoni tfittex opinjoni mill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew qabel ma terġa' tibda l-provvista ta' fondi għall-entità tar-Repubblika Srpska;
26. Jappella għal titjib fl-assorbiment tal-fondi mal-pajjiż kollu, inkluż mill-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali; ihegġegħ lill-Bożnija-Ħerzegovina tistabbilixxi sistemi effiċjenti ta' ġestjoni finanzjarja, kontroll u awditjar madwar il-pajjiż għall-fondi tal-UE; jappella għall-assistenza teknika u finanzjarja meħtieġa għall-Bożnija-Ħerzegovina f'dan il-kuntest; jisħaq li huwa fl-interess tas-sigurtà tal-UE u r-responsabbiltà tagħha li tiggarantixxi li l-fondi tal-UE ma jikkontribwux għat-tisħiħ tanetworks tal-klijentela jew il-korruzzjoni;
27. Jappella lill-UE u lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jistabbilixxu qafas għal kooperazzjoni effettiva bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-pajjiżi ta' adeżjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-UPPE jkun jista' jeżerċita b'mod effettiv il-kompetenzi tiegħu dwar l-użu tal-fondi tal-UE fil-Bożnija-Ħerzegovina; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jikkonkludu malajr arranġamenti ta' ħidma bilaterali mal-UPPE;
28. Jilqa' l-istabbiliment tal-korpi ta' ħidma tal-Kamra tal-Popli tal-assemblea parlamentari tal-Bożnija-Ħerzegovina; jappella għall-impenn imġedded tal-Bożnija-Ħerzegovina favur id-djalogu politiku tal-UE billi tinvolvi ruħha malajr f'kooperazzjoni interparlamentari regolari permezz tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (KPSA), li jikkontribwixxi għat-tweġġ tal-14-il prijorità ewlenija; jilqa' l-fatt li ntlaħaq qbil dwar ir-regoli ta' proċedura għall-KPSA bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina;

29. Jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina fis-summits inawgurali u t-tieni summits tal-Komunità Politika Ewropea, iżda jisħaq li din l-inizjattiva pożittiva m'għandhiex tkun alternattiva għall-integrazzjoni tal-UE;

### *Demokrazija u l-istat tad-dritt*

30. Itenni r-rwol ċentrali tal-istat tad-dritt u l-integrità istituzzjonali; ifakkar fil-ħtieġa ta' standards tas-servizz ċivili armonizzati u bbażati fuq il-mertu fil-livelli amministrattivi tal-Bożnija-Herzegovina, li jippermettu amministrazzjoni pubblika professjonali, simplifikata, depolitiċizzata u responsabbli li tista' ttiprovdi servizzi liċ-ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina; jistieden lill-atturi politiċi tal-Bożnija-Herzegovina jappoġġjaw u jstabbilixxu struttura ta' koordinazzjoni li tiffunzjona biex tmexxi r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika; jilqa' l-progress fil-ħatra ta' kapijiet ta' aġenziji statali importanti;
31. Jilqa' l-fatt li l-elezzjonijiet li saru f'Ottubru 2022 kienu ġeneralment organizzati tajjeb u kompetittivi, u li l-kampanja rrispettat il-libertajiet fundamentali ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda u ta' espressjoni; jiddispjaċih, madankollu, li dawn seħħew f'kuntest ta' riformi staġnati, retorika diviżiva, impedimenti politiċi u finanzjarji rrapportati, akkużi ta' negozjar tal-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Postijiet ta' Votazzjoni bejn il-partiti politiċi, u irregolaritajiet oħra rrapportati lill-osservaturi, inklużi każijiet ta' assistenza soċjali, żvilupp u proġetti ta' infrastruttura pubblika mibdija minn presidenti jew gvernijiet fil-kariga fil-perjodu elettorali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieħdu miżuri adegwati biex jipprevjenu kwistjonijiet u abbużi ta' fondi pubbliċi fil-futur u jindirizzaw it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont inadegwati tal-finanzi tal-kampanja; jesprimi tħassib dwar l-ammont ta' nfiq pubbliku użat fit-tentattiv biex jinfluwenzaw l-elettorat;
32. Jieħu nota tal-bidliet introdotti fil-liġi elettorali u fil-kostituzzjoni tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina mir-Rappreżentant Għoli, bl-għan li jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet ta' funzjonalità; jesprimi, madankollu, tħassib dwar iż-żmien, it-trasparenza u n-nuqqas ta' konsultazzjonijiet f'dawn il-proċessi; jistieden lill-OHR jaġixxi skont il-mandat tiegħu, filwaqt li jipprevjenu t-tiżiħ tad-diviżjonijiet politiċi jew etniċi u t-tensjonijiet fil-pajjiż u fir-reġjun usa', u jfakkar li s-Setgħat ta' Bonn għandhom jintużaw bħala miżura tal-aħħar istanza;
33. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas tal-atturi politiċi li jġibu l-kostituzzjoni u l-qafas elettorali konformi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, billi naqsu milli jimplimentaw is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (fil-kawżi Sejdić-Finci, Zorić, Pilav u Šlaku); jiddispjaċih ukoll li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Herzegovina għadhom ma ġewx implimentati, u dan ixekkel id-drittijiet politiċi ugwali għaċ-ċittadini kollha; jistieden lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jilhqqu ftehim skont is-sentenzi tal-qrati internazzjonali u nazzjonali kif ukoll mal-ftehim politiku ta' Brussell tat-12 ta' Ġunju 2022; jappoġġja riformi trasparenti u inklużivi mirfuda minn konsultazzjonijiet komprensivi u djalogu pubbliku li jinvolvu s-soċjetà ċivili li jippermettu trasformazzjoni sostenibbli tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton skont l-istandards u l-prinċipji Ewropej, li jegħlbu d-diviżjonijiet u jiżguraw l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha u rappreżentanza politika diversa b'mod adegwat fil-livelli kollha ta' governanza, skont il-valuri u l-prinċipji tal-UE, u l-progress fit-triq lejn l-UE;



34. Itenni r-rispett tiegħu għal-legat tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, filwaqt li jfakkar fl-għan tiegħu li jtemm il-gwerra u jissalvagwardja l-paċi; jieħu nota tal-kunċett ta' popli kostitwenti iżda jenfasizza li dan il-kunċett m'għandu bl-ebda mod iwassal għad-diskriminazzjoni ta' ċittadini oħra jew jimplika xi drittijiet addizzjonali għal persuni li jidentifikaw ma' wieħed minn dawn il-gruppi meta mqabbla ma' ċittadini oħra tal-Bożnija-Ħerzegovina; jikkundanna d-dikjarazzjonijiet u l-proposti li għandhom l-għan li jimminaw ir-rikonoxximent ta' stat u l-valuri kostituzzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina, u jfakkar li jeħtieġ li l-Bożnija-Ħerzegovina tindirizza n-nuqqasijiet fil-qafas kostituzzjonali tagħha, filwaqt li għibu konformi mal-istandards u l-prinċipji tal-UE;
35. Jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tarmonizza r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-partiti u tiżgura t-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti politiċi f'konformità mal-istandards internazzjonali u r-rakkomandazzjonijiet tal-korpi internazzjonali rilevanti; jirrikonoxxi l-passi meħuda mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) u jappella biex il-kapaċitajiet tagħha jissaħħu, b'mod konformi mal-proċeduri legali tagħha; jiddenunzja bil-qawwa l-forom kollha ta' intimidazzjoni u theddid minn xi atturi politiċi fil-Bożnija-Ħerzegovina kontra l-membri tas-CEC u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina u lid-Delegazzjoni tal-UE joffru appoġġ lill-membri tas-CEC f'każ ta' theddid; jilqa' l-intervent tal-OHR tas-7 ta' Ġunju 2022 biex itejjeb l-integrità tal-proċess elettorali u jsaħħaħ ir-rwol tas-CEC wara li l-grupp ta' ħidma bejn l-aġenziji dwar ir-riforma elettorali u l-Parlament tal-Bożnija-Ħerzegovia naqsu milli jagħmlu dan;
36. Jinkoraġġixxi bil-qawwa l-inizjattivi biex jittejbu l-proċess demokratiku, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt fil-pajjiż, bħall-proġett pilota tal-UE għall-introduzzjoni ta' sistema elettronika ta' identifikazzjoni tal-votanti u trażmissjoni aktar rapida tar-riżultati elettorali;
37. Jappella għal miżuri urġenti biex jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura abbażi tal-14-il prijorità ewlenija u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Priebe, inkluż permezz ta' salvagwardji addizzjonali u applikazzjoni konsistenti ta' regoli u kriterji oġġettivi dwar l-allokazzjoni tal-każijiet, il-ħatriet, ir-responsabbiltà dixxiplinari, l-avvanz fil-karriera, il-kunflitti ta' interess u l-verifika tal-assi tal-imħallfin u tal-prosekuturi sabiex tinbena mill-ġdid il-fiduċja pubblika; jappella għall-eliminazzjoni tal-ġustizzja selettiva, tal-każijiet pendenti, tal-korruzzjoni, tan-nuqqas ta' trasparenza u tas-sorveljanza ħażina, li jimminaw it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' pressjoni politika u irregolaritajiet fl-għażla ta' mħallfin u prosekuturi ta' livell għoli;
38. Jafferma mill-ġdid l-istedina tiegħu lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tadotta emendi għall-integrità, Liġi ġdida dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli (HJPC) u Liġi ġdida dwar il-Qrati f'konformità mal-istandards Ewropej; jilqa', għalhekk, l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Emendi għal-Liġi dwar l-HJPC, u jistieden lill-Assemblea Parlamentari tal-Bożnija-Ħerzegovina tapprovah; jistieden lill-awtoritajiet jippermettu l-aċċess għall-ġurnalisti għall-proċessi u jistieden lill-qrati jipubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom online u jwieġbu għat-talbiet tal-libertà tal-informazzjoni fil-ħin;

39. Jopponi bil-qawwa kwalunkwe tentattiv biex jiġu stabbiliti istituzzjonijiet paralleli fil-livell tal-entità, li jimmina l-ordni kostituzzjonali u legali; jikkundanna, f'dan ir-rigward, l-adozzjoni mill-ġdid tal-Liġi tal-entità tar-Repubblika Srpska dwar il-Proprietà Immobili Użata għall-funzjonament tal-Awtorità Pubblika, preċedentement annullata mill-Qorti Kostituzzjonali u sospiża darbtejn mir-Rappreżentant Għoli; jieħu nota pożittiva tad-deċiżjoni tal-OHR u jtenni t-talba biex il-leġiżlazzjoni tal-entitajiet tiġi allinjata mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali; jistieden lill-entità tar-Repubblika Srpska tirtira u tirrevoka minnufih il-liġijiet li jsostnu l-proprietà tal-istat, u twaqqaf ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-assi tal-Istat bħala proprietà tar-Repubblika Srpska mingħajr dewmien; jikkundanna bil-qawwa l-vot tal-Assemblea Nazzjonali tal-entità tar-Repubblika Srpska bil-għan li jiġi stabbilit HJPC separat, kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha li jikkontestaw il-ħidma tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina, filwaqt li jitolbu li d-deċiżjonijiet finali u vinkolanti tagħha ma jiġux rispettati u l-imblukkar tal-ħidma tagħha, kif ukoll jitolbu li mħallef tal-Qorti Kostituzzjonali jirriżenja;
40. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni mifruxa u s-sinjali dejjem jiżdiedu ta' manipulazzjoni tal-Istat, indħil politiku u ostruzzjoni, pressjoni u intimidazzjoni; jappella għall-użu trasparenti tal-assistenza finanzjarja tal-UE; itenni l-ħtieġa li jiġu investigati r-rabtiet politiċi u amministrattivi mal-kriminalità organizzata; jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' kundanni finali għal każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, li jirriskja li jrawwem kultura ta' impunità; iħeġġeġ lill-awtoritajiet iwettqu proċeduri kriminali f'waqthom u jżidu l-isforzi biex iħarrku b'mod effettiv u jaslu għal deċiżjonijiet finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli;
41. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tadotta liġijiet dwar il-kunflitt ta' interess u strateġija kontra l-korruzzjoni, u tinforza r-regoli dwar il-kunflitt ta' interess u l-lobbying fil-livelli amministrattivi kollha, flimkien ma' protezzjoni aktar b'saħħitha għall-informaturi, f'konformità mal-istandards tal-UE, u tiżgura l-implimentazzjoni tal-liġijiet eżistenti minn istituzzjonijiet indipendenti;
42. Jappella għal aktar riżorsi u kompetenzi għall-istrutturi kontra l-korruzzjoni, inkluż l-involvement attiv tagħhom fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO), kif ukoll l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' integrità għal dawn l-istrutturi; jiġbed l-attenzjoni għall-valur miżjud tal-kooperazzjoni effettiva mal-pajjiż kollu u Ewropea fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-għlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;
43. Jilqa' l-ħatra ta' koordinatur nazzjonali għall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra l-Atti Kriminali u jistenna li l-kooperazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina mal-Europol u l-Eurojust tkun funzjonali bis-sħiħ; jilqa', f'dan ir-rigward, l-iffirmar tal-Ġabra ta' Regoli dwar l-operat tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali/Konġunt għall-kooperazzjoni mal-Europol; jappella għal salvagwardji kontra l-indħil politiku fil-ħidma tal-pulizija;
44. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha u tiegħu azzjoni dwar il-għlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

45. Jieħu nota pożittiva tal-passi meħuda biex jiżdied l-allinjament tal-liġijiet dwar l-akkwist pubbliku mal-*acquis* tal-UE, kif ukoll l-adozzjoni ta' pjan għall-integrità u l-għlieda kontra l-korruzzjoni mill-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku; itenni l-ħtieġa ta' trasparenza, kompetizzjoni u trattament ugwali fil-proċess tal-akkwist pubbliku, kif ukoll li jitnaqqas l-abbuż tar-riżorsi pubbliċi; jibqa' mħasseb dwar il-vulnerabbiltajiet tas-settur għall-korruzzjoni u l-irregolaritajiet, u jappella għal liġi dwar l-akkwist li tindirizzahom b'mod suffiċjenti u adegwat; jitlob, għalhekk, titjib, inkluż permezz ta' kapaċitajiet aktar b'saħħithom għall-monitoraġġ, il-ġestjoni u l-appoġġ; jappella għal leġiżlazzjoni aktar robusta u effiċjenti dwar l-użu tar-riżorsi naturali u għal aktar trasparenza u integrità, b'mod partikolari fil-qasam tal-konċessjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' diversi proġetti ewlenin ma' kumpaniji Ċiniżi u Ungeriżi;

***Ir-rikonċiljazzjoni, il-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien;***

46. Jafferma mill-ġdid is-sinifikat tar-rikonċiljazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koeżistenza paċifika ġenwini fil-Bożnija-Herzegovina u jistieden lill-awtoritajiet kollha jippromwovu u jiżguraw b'mod attiv l-aċċess għall-verità, il-ġustizzja u r-riparazzjonijiet mhux selettivi; jilqa' l-inizjattivi fil-livell lokali li jikkommemoraw il-vittmi ċivili tal-gwerra, it-tlestija tal-monument fid-Distrett ta' Brčko u d-deċiżjoni tal-OHR li jemenda l-Liġi dwar iċ-Ċentru tal-Mafkar u ċ-Ċimiterju ta' Srebrenica-Potočari għall-Vittmi tal-Ġenoċidju tal-1995, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma taċ-Ċentru tal-Mafkar;
47. Jistieden lill-mexxejja politiċi u reliġjużi fil-Bożnija-Herzegovina jaħdmu favur il-promozzjoni tal-unità, l-inklużività, ir-rikonċiljazzjoni u l-paċi; jikkundanna r-retorika xewwiexa u bellikuża kollha li tħeġġeġ it-tensjonijiet u d-diviżjonijiet fis-soċjetà tal-Bożnija-Herzegovina;
48. Jesprimi s-solidarjetà sħiħa tiegħu mas-superstiti kollha tad-delitti tal-gwerra, id-delitti kontra l-umanità, il-ġenoċidju, it-tindif etniku, l-ispostament, l-għajbien, il-qtil, it-tortura u l-attakk sesswali, u mal-familji tagħhom; Jikkundanna bil-qawwa r-reviżjoniżmu storiku kollu, inklużi ċ-ċaħda tal-ġenoċidju, il-glorifikazzjoni tad-delitti tal-gwerra u tal-kriminali tal-gwerra, u l-kontestazzjoni ta' fatti u tribunali stabbiliti, notevolment mill-mexxejja politiċi, kif ukoll it-twettiq ta' valdalizmu fuq is-siti ta' tifkira; jissottolinja li tali atti u retorika huma inaċċettabbli u jmorru kontra l-valuri tal-UE; jappella għall-prosekuzzjoni effettiva ta' tali każijiet; jiddispjaċih li ma nbeda l-ebda proċediment kriminali u li l-ebda awtur ma tressaq quddiem il-ġustizzja, wara l-emendi introdotti fil-Kodiċi Penali fl-2021 mill-ex Rappreżentant Għoli Valentin Inzko li kkriminalizza dawn l-atti;
49. Jikkundanna, b'mod partikolari, il-projbizzjoni ta' mixja li tikkommemora l-vittmi tal-massakru fi Prijedor mill-forzi tas-sigurtà tal-entità tar-Repubblika Srpska; jikkundanna bil-qawwa l-attakki vjolenti fil-25 ta' Marzu 2023 kontra żewġ persuni rimpatrijati lejn Višegrad u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-Repubblika Srpska jinvestigaw dawn il-każijiet u jżommu responsabbli lill-awturi tar-reati;
50. Jinnota b'mod pożittiv it-tnaqqis kontinwu fil-kawżi pendenti ta' delitti tal-gwerra, iżda jiddispjaċih li r-ritmu baqa' baxx, u dan ixekkel l-għan strateġiku li jissolvew il-każijiet kollha; jitlob, għalhekk, li jitħaffu l-proċedimenti kriminali f'każijiet ta' delitti tal-



gwerra; jinnota l-limitazzjonijiet persistenti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja reġjonali f' dan ir-rigward; jinsab imħasseb ukoll dwar il-fatt li xi kriminali tal-gwerra kkundannati fil-qrati tal-Bożnija-Ħerzegovina jaħarbu mill-ġustizzja minħabba ċittadinanza doppja u residenza fi stati oħra;

51. Jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ipproċessar tad-Delitti tal-Gwerra riveduta, b' mod partikolari permezz ta' diviżjoni adegwata tal-każijiet bejn l-uffiċċji tal-prosekuturi, filwaqt li tingħata prijorità fil-livell tal-istat lill-aktar każijiet kumplessi; jistieden lill-awtoritajiet jadottaw strateġija ġdida għall-perjodu ta' wara l-2023;
52. Jappella għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni bil-għan li tiggarrantixxi firxa wiesgħa ta' drittijiet għall-vittmi ċivili tal-gwerra; jinnota b' mod pożittiv l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-Vittmi Ċivili tal-Gwerra fid-Distrett ta' Brčko u fil-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina, li kemm tirikonoxxi kif ukoll tagħti d-drittijiet lit-tfal; ihegġegħ lill-entità tar-Repubblika Srpska tadotta leġiżlazzjoni f' dan ir-rigward;
53. Jistieden lill-awtoritajiet statali jadottaw liġi dwar il-vittmi tat-tortura matul il-gwerra; jappella għall-appoġġ għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-prattiki fil-Bożnija-Ħerzegovina, bil-għan li tingħata assistenza lis-superstiti tal-vjolenza sesswali matul il-gwerra flimkien ma' atturi li issa qed jaħdmu mas-superstiti tal-vjolenza sesswali fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata fl-Ukrajna;
54. Jappella biex isiru aktar sforzi dwar il-kwistjoni tal-persuni nieqsa, inkluża l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-istabbiliment ta' fond li jappoġġja lill-familji tagħhom; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet fir-reġjun kollu jintensifikaw il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni;
55. Jenfasizza li ma sarx biżżejjed progress fl-implimentazzjoni tal-Anness VII tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton dwar ir-rifuġjati, il-persuni spostati internament u l-persuni rimpatrijati; itenni l-appell tiegħu għal miżuri addizzjonali u programmi konkreti dwar ir-ritorn sostenibbli, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-impjegi, il-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni, u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tagħhom;
56. Jilqa' l-parteċipazzjoni attiva kontinwata tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-kooperazzjoni reġjonali; jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni reġjonali fil-promozzjoni tal-istabilità, il-prosperità u l-integrazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' inizjattivi reġjonali inklużivi bħas-Suq Reġjonali Komuni, kif ukoll inizjattivi diġà eżistenti bħall-Inizjattiva Adrijatika-Jonika, l-Inizjattiva tal-Ewropa Ċentrali (CEI), l-EUSAIR u l-Proċess ta' Berlin, u jappella għal sinerġiji bejniethom;
57. Jilqa' il-ftehimiet riċenti fil-kuntest tal-Proċess ta' Berlin dwar il-Libertà tal-Moviment bil-Karti tal-Identità, dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki tal-Edukazzjoni Għolja, u dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali għat-Tobba tal-Mediċina, Dentisti u Arkitetti, u jappella sabiex jiġu rratifikati malajr. ihegġegħ lill-Bożnija-Ħerzegovina ssaħħaħ l-involviment tagħha mal-pajjiżi ġirien u tippermetti malajr vjaġġar mingħajr viża bejn il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo;

58. Jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar il-Kostijiet tar-Roaming; f'dan il-kuntest, jistieden lill-awtoritajiet, lill-atturi privati u lill-partijiet ikkonċernati kollha jiffaċilitaw l-ilĥuq tal-miri miftiehma biex jinkiseb tnaqqis sostanzjali tat-tariffi tar-roaming għad-data mill-1 ta' Ottubru 2023 u aktar tnaqqis li jwassal għal prezzijiet qrib il-prezzijiet domestiċi sal-2027;
59. Jilqa' t-tħejjijiet mill-Kunsill tal-Ministri għas-Summit Diġitali tal-Balkani tal-Punent, li se jsir f'Sarajevo fit-2 ta' Ottubru 2023;

### ***Libertajiet fundamentali u drittijiet tal-bniedem***

60. Jenfasizza r-rwol vitali tal-media indipendenti għat-twassil ta' informazzjoni preċiża, f'waqtha u trasparenti; jikkundanna bil-qawwa l-attakki u t-theddid, il-kampanji ta' malafama, l-insulti, l-intimidazzjoni u l-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) kontra l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, anki minn politiċi u personalitajiet pubbliċi, inklużi l-attakki reċenti fuq il-ġurnalisti Aleksandar Trifunović u Nikola Morača, u minn kumpaniji privati; jinsisti li jingħata segwitu ġudizzjarju xieraq, sistematiku u effettiv u li l-ġurnalisti jiġu protetti, inkluż permezz ta' saff speċjali ta' protezzjoni fil-kodiċi kriminali u kapaċitajiet imtejba tal-prosekuturi u l-imħallfin; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata t-trasparenza tas-sjeda tal-media u sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tax-xandir pubbliku; jistieden lill-UE żżid l-appoġġ finanzjarju u tekniku tagħha għal taħriġ medjatiku u ġurnalistiku ta' kwalità, b'mod partikolari għall-media investigattiva u indipendenti;
61. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-introduzzjoni u l-kunsiderazzjoni parlamentari tal-emendi għall-kodiċi kriminali tal-entità tar-Repubblika Srpska li jintroduċu mill-ġdid pieni kriminali għall-malafama; ihegġegħ lill-entità tar-Repubblika Srpska tirtira l-emendi u tiżgura l-protezzjoni sħiħa tal-libertà tal-espressjoni u tal-media;
62. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata rappreżentanza adegwata ta' gruppi minoritarji u vulnerabbli fil-media pubblika, kif ukoll il-pluraliżmu tal-media, ir-rappreżentanza tal-komunitajiet u l-kulturi kollha, u d-disponibbiltà tal-kontenut fil-lingwi uffiċjali kollha;
63. Jilqa' l-fatt li l-film "Quo Vadis, Aida?" irċieva l-Premju LUX tal-Udjenza 2022 tal-Parlament Ewropew u l-European Film Academy; jinsab imħasseb, madankollu, li x-xandar pubbliku tar-Repubblika Srpska rrifjuta li jxandar dan il-film dwar il-ġenoċidju ta' Srebrenica; jikkundanna l-finanzjament pubbliku minn xi muniċipalitajiet tar-Repubblika Srpska tal-film reviżjonista ta' propaganda "Repubblika Srpska: The Struggle for Freedom" (Repubblika Srpska: Il-Ġlieda għal-Libertà);
64. Jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, segregazzjoni, vjolenza u diskors ta' mibegħda kontra n-nisa, il-minoranzi, inklużi l-minoranzi etniċi, il-persuni LGBTIQ+, il-persuni b'diżabilità, ir-rifuġjati, il-persuni spostati u l-persuni li jiċċaqilqu, u jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tiżgura l-protezzjoni u l-libertajiet fundamentali tagħhom; ihegġegħ l-implimentazzjoni ta' aċċess effettiv għal rimedji legali u l-prosekuzzjoni ta' każijiet bħal dawn mingħajr dewmien; jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tissalvagwardja u tippromwovi d-drittijiet tal-minoranzi kollha fil-pajjiż kollu, inkluż id-dritt tagħhom li jipparteċipaw f'elezzjonijiet demokratiċi; ifakkar fil-hteġa li jissaħħu l-indipendenza u l-effikaċja tal-Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem; jappella għall-

- applikazzjoni effettiva tal-politiki kontra d-diskriminazzjoni u dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina jiġbru data statistika dwar ir-reati ta' mibegħda kkategorizzati skont il-motivazzjoni;
65. Jinnota s-sottorappreżentanza tan-nisa fil-politika, fil-ħajja pubblika u fil-gradi għoljin tas-servizzi tas-sigurtà, u li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneru mhumiex qed jitwettqu kif meħtieġ mil-liġi; jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika u privata; jappella għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-istabbiliment ta' strateġiji rilevanti; jikkundanna l-inċidenti f'Banja Luka waqt il-Jum Internazzjonali tan-Nisa; jikkundanna bil-qawwa r-rati dejjem jiżdiedu tal-femminiċidju u jħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina ttejjeb l-isforzi għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa kif ukoll ir-rispons istituzzjonali għall-vjolenza sesswali u sessista, tiġbor data dwar il-femminiċidji, iżżid u ttejjeb l-aċċess għall-appoġġ għall-vittmi, l-għajnuna legali u l-akkomodazzjoni sikura, u tistabbilixxi ċentri ta' kriżi għall-vittmi tal-vjolenza sesswali; itenni li l-Bożnija-Ħerzegovina għandha tħaffef il-prosekuzzjoni tad-delitti ta' vjolenza sesswali, tipprovdi kumpens lin-nisa vittmi ta' delitti tal-gwerra u tiżgura l-protezzjoni tax-xhieda;
66. Jilqa' s-suċċess tat-tielet Pride tal-Bożnija-Ħerzegovina fl-2022, iżda jiddispjaċih li dan l-avveniment għadu qed jiffaċċja ostakli amministrattivi u diskriminazzjoni; jilqa' l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni LGBTI għall-Bożnija-Ħerzegovina 2021-2024 u l-istabbiliment ta' punt fokali inkarigat mis-sorveljanza tar-reati ta' mibegħda kontra l-LGBTIQ+ fl-Uffiċċji tal-Prosekuturi tal-Cantons; jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tieħu passi prattiċi biex tippromwovi l-inklużjoni u l-prevenzjoni tal-vjolenza kontra l-komunità LGBTIQ+, inkluż billi iżżid l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mad-dispożizzjonijiet dwar ir-reati ta' mibegħda fil-kodiċijiet kriminali;
67. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-ostakli politiċi għal-libertà tal-għaqda għall-attivisti LGBTIQ+ u l-inkitament għall-vjolenza minn ċerti politiċi; jiddenunzja l-projbizzjoni ta' laqgħa pubblika f'Banja Luka b'solidarjetà mal-attivisti, il-ġurnalisti u l-persuni LGBTIQ+; jikkundanna bil-qawwa l-attakki vjolenti sussegwenti u l-persjoni fuq ġurnalisti u attivisti f'Banja Luka, kif ukoll l-azzjoni insuffiċjenti tal-pulizija biex dan jiġi evitat; jikkundanna wkoll il-pjanijiet tat-tmexxija tal-entità tar-Repubblika Srpska li tintroduċi liġi ġdida li tipprobixxi lil persuni LGBTIQ+ mill-istituzzjonijiet edukattivi;
68. Jappella sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranza Rom, inkluż l-aċċess tagħhom għas-servizzi pubbliċi, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa; jikkundanna s-segregazzjoni u d-diskriminazzjoni li għaddejjin kontribom, b'mod partikolari kontra t-tfal Rom fl-edukazzjoni; jenfasizza l-faqar sproporzjonat tal-persuni Rom; jilqa', f'dan il-kuntest, l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Inklużjoni tar-Rom;
69. Jinnota li l-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari t-tfal, huma wieħed mill-aktar gruppi emarġinati fil-Bożnija-Ħerzegovina; itenni l-appell tiegħu lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tiżgura l-protezzjoni tagħhom, tiżviluppa u tadotta strateġija dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni, li tagħti lill-persuni b'diżabilità ħajja dinjituża, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li l-Bożnija-Ħerzegovina hija firmatarja tagħha; jissottolinja l-ħtieġa ta' aċċess ugwali għall-appoġġ; jiddispjaċih għall-fatt li ħafna tfal b'diżabilità għadhom jitqiegħdu f'istituzzjonijiet;

70. Jistieden lill-Federazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina, lill-entità tar-Repubblika Srpska u lid-Distrett ta' Brčko jabbozzaw liġi bil-għan li jiġi żgurati ir-rikonossiment legali tal-ġeneru bbażat fuq l-awtodeterminazzjoni, f'konformità mal-prattika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-reviżjoni tal-ICD-11 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li daħlet fis-seħħ f'Janjar 2022, u li tiddepatologizza l-identitajiet trans fl-oqsmha kollha tal-ħajja;
71. Jilqa' l-progress fl-elaborazzjoni ta' liġi fil-livell Federali li tagħti lill-koppji tal-istess sess aċċess għad-drittijiet ta' sħubija ċivili; jinkoraġġixxi lill-gvern jabbozza din il-liġi mingħajr dewmien; jistieden lill-entità tar-Repubblika Srpska u lid-Distrett ta' Brčko jibdwu ukoll proċessi għall-abbozzar ta' soluzzjonijiet leġiżlattivi għar-rikonossiment ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess, sabiex il-koppji tal-istess sess jingħataw trattament ugwali fil-pajjiż kollu;
72. Jissottolinja l-importanza ta' edukazzjoni mhux diskriminatorja, inklużiva u ta' kwalità, inkluż billi l-kurrikuli jsiru aktar inklużivi, filwaqt li titqies id-diversità kulturali u lingwistika, jiġi eliminat il-kontenut kontrofattwali li jippromwovi d-diviżjoni, u jitrawwem il-ħsieb kritiku; itenni t-talba tiegħu biex b'urġenza tintemm il-prattika diskriminatorja li għaddejja ta' "żewġ skejjeļ taħt saqaf wieħed", f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-qorti; jirrakkomanda bil-qawwa l-inkorporazzjoni tar-rikonċiljazzjoni fil-proċess edukattiv; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina tnaqqas l-ostakli amministrattivi għall-istudenti li jixtiequ jkomplu l-edukazzjoni tagħhom f'canton jew f'entità oħra;
73. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili fit-titjib tar-reżiljenza tas-soċjetajiet demokratiċi u fil-proċessi ta' riforma; jappoġġja l-parteciżipazzjoni aktar intensa taċ-ċittadini f'fora li jsawru l-politiki, bħall-assemblea taċ-ċittadini mal-pajjiż kollu fil-Bożnija-Herzegovina, u jieħu nota sewwa tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika tagħha; jistieden lill-awtoritajiet irawmu ambjent favorevoli għall-ħidma tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti tas-soċjetà ċivili, u li b'mod sistematiku jikkundannaw u jifihu proċeduri l-qorti kontra t-theddid, il-fastidji, l-attakki u l-intimidazzjonijiet kollha, inklużi minn persuni politiċi u personalitajiet pubbliċi, u għall-iSLAPPs kontra dawn id-difensuri u l-attivisti; jappella għal dialogu attiv u miftuħ mas-soċjetà ċivili u għall-involviment tagħha fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE;
74. Jappella sabiex jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-għaqda, tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni, inkluż billi l-liġijiet jinġiebu f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali; jikkundanna d-deċiżjoni tal-gvern tal-entità tar-Repubblika Srpska li jadotta Abbozz ta' Liġi dwar l-NGOs, li għandu l-għan li jnaqqas l-ispazju u l-attività tas-soċjetà ċivili u li jirriskja li jikkriminalizza l-ħidma ta' ħafna mill-organizzazzjonijiet tagħha, filwaqt li jsemmi lil dawk li jirċievu finanzjament internazzjonali bħala aġenti barranin; iħeġġeġ lill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Srpska biex ma tadottax din il-leġiżlazzjoni;
75. Itenni l-ħtieġa ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil ibbażata fuq is-solidarjetà li tirispetta d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, inkluż fiċ-ċentri ta' detenzjoni, u distribuzzjoni xierqa, dinjituża u ġusta tal-kapaċitajiet ta' akkoljenza madwar il-pajjiż, bl-inklużjoni effettiva tal-atturi tas-soċjetà ċivili fir-rispons ta' akkoljenza sabiex jiġi żgurati li jkun hemm monitoraġġ; jinnota l-ħtieġa ta'

kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-Istati Membri ġirien tal-UE; jissottolinja l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' trattament inuman fir-ritorni; jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi biex tittejjeb il-koordinazzjoni fil-livell lokali u internazzjonali; jilqa' l-ftuħ tan-negozjati dwar il-ftehim ta' status imtejjeb tal-Bożnija-Herzegovina mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u jappella għall-konklużjoni f' waqtha tiegħu sabiex jiġu ffaċilitati l-protezzjoni u l-ġestjoni aħjar tal-fruntieri tagħha, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-istandards internazzjonali; jiddispjaċih għan-nuqqasijiet persistenti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, minkejja l-appoġġ finanzjarju sinifikanti tal-UE lill-Bożnija-Herzegovina, u jappella għal żieda fil-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet; jesprimi tħassib serju dwar rapporti ta' pushbacks vjolenti fil-Bożnija-Herzegovina; jenfasizza l-ħtieġa li jiżiedu t-trasparenza fl-allokkazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE f' dan il-qasam kif ukoll l-iskrutinju tagħhom, b'mod partikolari l-fondi implimentati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni; jinsab imħasseb dwar ir-rapporti ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza insuffiċjenti fiċ-ċentru ffinanzjat mill-UE f' Lipa;

76. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil għall-perjodu 2021-2025 u jistieden lill-Bożnija-Herzegovina tadotta malajr il-pjan ta' azzjoni relatat; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina ttejjeb il-ħeffa, it-tul u l-kwalità tal-proċeduri tal-ażil u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-sikurezza fiċ-ċentri ta' akkoljenza temporanji;
77. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina żżid l-isforzi tagħha kontra l-kriminalità transfruntiera, b'mod partikolari t-traffikar tal-bnedmin u ta' armi illeċiti; jissottolinja l-ħtieġa li jittejjbu t-taħriġ u l-kapaċitajiet tal-Pulizija tal-Fruntieri u jieħu nota tal-allokkazzjoni mill-Kummissjoni ta' EUR 5 miljun tal-fondi tal-IPA III fl-2022 għal dan l-għan;
78. Jistieden lill-Bożnija-Herzegovina tallinja ruħha bis-sħiħ mal-politika tal-UE dwar il-viżi sabiex tiżgura ambjent ta' migrazzjoni u ta' sigurtà mmaniġġjat tajjeb;

### ***Riformi soċjoekonomiċi***

79. Jilqa' l-adozzjoni ta' strateġija għar-riforma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-livelli kollha tal-gvern, il-Programm ta' Riformi Ekonomiċi għall-2023-2025, l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Baġit u d-Dokument ta' Qafas tal-Baġit għall-perjodu 2023-2025, u jappella għall-implimentazzjoni bir-reqqa tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jistabbilixxu sistemi effettivi ta' kontroll intern, trasparenza baġitarja u miżuri baġitarji sostenibbli għall-istituzzjonijiet tal-istat; jirrikonoxxi t-tkomplija pożittiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-istat u jilqa' t-titjib fil-prospetti ta' kreditu sovrani tal-Bożnija-Herzegovina, wara l-formazzjoni f' waqtha ta' gvern ġdid fil-livell tal-istat u l-għoti ta' status ta' kandidat;
80. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tipprijoritizza miżuri mmirati biex jindirizzaw il-faqar, l-inugwaljanza u l-protezzjoni soċjali, itejbu l-kompetittività u l-ambjent tan-negozju, kif ukoll il-koeżjoni ekonomika u soċjali, jagħtu spinta lid-diversifikazzjoni ekonomika u jġibu l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-VAT u tad-dazji tas-sisa f'konformità ma' dik tal-UE; iħeġġeġ ukoll lill-Bożnija-Herzegovina tippromwovi t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, tindirizza l-ekonomija informali u taffronta l-qgħad u l-faqar, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, in-nisa u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħall-



abitanti taż-żoni rurali, ir-Rom, it-tfal u l-anzjani; jappella biex jiġi stabbilit qafas istituzzjonali u regolatorju adegwat, inkluż it-twaqqif ta' istituzzjonijiet superviżorji, u biex ikun hemm governanza aħjar u depolitiċizzata fis-settur pubbliku;

81. Jappella b'urġenza għal miżuri biex jiġi indirizzat il-grad għoli kontinwu ta' eżodu ta' mħuħ; jistieden lill-Bożnija-Ħerzegovina tindirizza l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki u programmi li jippromwovu l-impjiegi u l-intraprenditorija; jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll l-importanza tal-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku, u jħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tinvesti fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
82. Jilqa' l-assoċjazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina ma' Orizzont Ewropa u l-adozzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027; jilqa' l-Appoġġ tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Saħħa fil-Bożnija-Ħerzegovina, b'valur ta' EUR 10 miljun, u l-appoġġ tal-UE għat-tisħiħ tas-settur tas-saħħa tal-Bożnija-Ħerzegovina permezz tal-proġett "EU4Health"; jilqa' s-sħubija sħiħa tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u jfaħħar lill-awtoritajiet u liċ-ċittadini tal-Bożnija-Ħerzegovina għall-appoġġ fil-pront tagħhom lill-popli tat-Turkija u tas-Sirja wara t-terremot tas-6 ta' Frar 2023;

### ***L-enerġija, l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli u l-konnettività***

83. Jilqa' l-pakkett ta' appoġġ għall-enerġija tal-Kummissjoni ta' EUR 1 biljun f' għotjiet tal-UE għall-Balkani tal-Punent biex jgħin hom jegħlbu l-kriżi tal-enerġija, inkluż appoġġ baġitarju immedjat ta' EUR 70 miljun lill-Bożnija-Ħerzegovina, li jipprovdi assistenza lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli fil-mitigazzjoni tal-effetti taż-żieda fil-prezzijiet u li jappoġġa l-effiċjenza enerġetika fis-setturi residenzjali u tan-negozju; jissottolinja li l-fondi ta' emerġenza jridu jiġu allokat biex jappoġġaw lill-Bożnija-Ħerzegovina fi triqtha lejn sistema effiċjenti fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, f'konformità mar-REpowerEU; jirrakkomanda li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fis-suq Ewropew tal-enerġija, b'mod partikolari fid-dawl tal-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza enerġetika fuq ir-Russja, b'segwitu tal-bidu tal-invażjoni fuq skala kbira u l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna; jilqa' l-inizjattiva Global Gateway għal Kuritur tal-Elettriku Trans-Balkan u jappella għall-implimentazzjoni rapida tagħha;
84. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tiffinalizza u tadotta pjan għall-enerġija u l-klima ambizzjuż, kredibbli u koeżiv għall-2021-2030; itenni l-ħtieġa li tadotta l-leġiżlazzjoni meħtieġa dwar il-gass, l-elettriku, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, f'konformità mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, l-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa u standards u objettivi ta' politika oħra tal-UE dwar il-protezzjoni tal-klima u l-enerġija, u li tiżgura l-armonizzazzjoni sħiħa tal-liġijiet fil-livell tal-istat sabiex jinkiseb suq tal-enerġija funzjonali;
85. Jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ malajr id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, f'konformità mal-impenji tal-pajjiż favur id-dekarbonizzazzjoni; iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina tevita u twaqqaf proġetti f'setturi strateġiċi, inkluża l-infrastruttura tal-enerġija, li jżidu d-dipendenza tal-pajjiż fuq ir-Russja u ċ-Ċina; jilqa' t-tħabbira tal-

gvern Federali tal-Bożnija-Herzegovina li jirrifjuta proposta għal sottokuntrattur Ċinż alternattiv għall-impjant tal-enerġija propost ta' Tuzla 7 li jaħdem bil-faħam;

86. Jilqa' l-għażla ta' Sarajevo li tipparteċipa fil-Missjoni tal-UE għal 100 belt newtrali għall-klima u intelliġenti sal-2030, li se tirċievi EUR 360 miljun ta' finanzjament minn Orizzont Ewropa li jkopru l-perjodu 2022-2023;
87. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' proġetti fil-qafas tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent, li jippermettu lill-pajjiż inaqqas id-dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili, filwaqt li jippromwovu t-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni u jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Aġenda Ekoloġika; jissottolinja li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-konnettività sostenibbli jirrappreżentaw fattur xprunatur għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali u għall-integrazzjoni mal-UE;
88. Jinkoraġġixxi lill-gvernijiet tal-entitajiet tal-Bożnija-Herzegovina jżidu t-trasparenza permezz tal-parteeċipazzjoni u konsultazzjoni pubblika mal-komunitajiet lokali, l-esperti xjentifiċi u s-settur ċivili meta jippjanaw proġetti; jissottolinja l-ħtieġa li jittejbu l-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi komprensivi *ex ante* u li jkun hemm allinjament mad-dispożizzjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; jenfasizza l-importanza tal-użu trasparenti u effiċjenti tal-investimenti;
89. Jinnota l-iżviluppi pożittivi fil-protezzjoni ambjentali u jfaħħar il-ħidma tal-organizzazzjonijiet ambjentali lokali u tal-attivisti tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina żżid l-integrazzjoni tal-perspettiva ambjentali f'politiki settorjali differenti u tagħti spinta lill-prosekuzzjoni tar-reati ambjentali; iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tistabilixxi applikazzjoni stretta tal-liġijiet u tal-miżuri għall-protezzjoni ambjentali biex tipprevjeni u tnaqqas l-impatt tar-riċerka fil-minjieri u tal-operazzjonijiet tal-minjieri fuq l-ambjent; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina żżid l-għadd u d-daqs taż-żoni naturali protetti u żżomm l-integrità tal-parks nazzjonali eżistenti u żoni protetti oħra;
90. Jinsab ferm allarmat bit-tniġġis fix-xmajjar; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina jindirizzaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma, jipproteġu x-xmajjar tagħha, inkluż mill-impatt dannuż tal-impjanti idroelettriċi zġhar, ikomplu jallinjaw ruħhom mal-*acquis* tal-UE dwar il-kwalità tal-ilma u l-protezzjoni tan-natura, u jtejbu b'mod konsiderevoli l-ġestjoni tal-iskart, inkluż billi jadottaw strateġija mal-pajjiż kollu b'attenzjoni partikolari għall-effiċjenza fir-riżorsi u għall-miżuri tal-ekonomija ċirkolari;
91. Iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tibda programmi effettivi ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-arja fil-bliet tal-Bożnija-Herzegovina li huma mniġġsa ħafna, b'mod partikolari f'Sarajevo; jilqa', f'dan il-kuntest, l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' inizjattiva li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u ta' gassijiet serra fit-tisħin ta' bini residenzjali u fit-traffiku; jistieden lill-Bożnija-Herzegovina tnaqqas ukoll it-tniġġis transfruntier tal-arja;
92. Jinnota li l-Bożnija-Herzegovina jeħtieġ li tagħmel sforzi addizzjonali biex tkompli tallinja ruħha mal-*acquis* tal-UE u timplimentah b'mod effettiv fl-oqsma kollha tat-trasport; jissottolinja l-ħtieġa li jittejbu l-armonizzazzjoni u l-konnettività interna u

reġjonali; ifakkar fil-ħtieġa ta' miżuri ta' riforma tal-konnettività u ta' allinjament man-  
Network Trans-Ewropew tat-Trasport u n-Networks Trans-Ewropej għall-Enerġija;  
jilqa' l-investimenti Ewropej fl-infrastruttura tat-toroq u tal-ferroviji fil-Bożnija-  
Herzegovina, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-Kuritur Vc, li se jtejjeb l-iskambju  
ekonomiku u l-konnettività fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent;

o

o o

93. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi  
President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u  
l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Presidenza, lill-Kunsill tal-  
Ministri u lill-Assemblea Parlamentari tal-Bożnija-Herzegovina, lill-gvernijiet u lill-  
parlamenti tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina, tar-Repubblika Srpska u d-  
Distrett ta' Brčko, lill-gvernijiet tal-għaxar cantons kif ukoll lill-Uffiċċju tar-  
Rappreżentant Għoli.



## NOTA SPJEGATTIVA

Il-poplu tal-Bożnija-Herzegovina wera ħafna drabi l-għażla tiegħu għall-futur Ewropew tal-Istat tiegħu. L-għoti tal-istatus ta' kandidat huwa rikonoxximent ċar tax-xogħol bla waqfien tagħhom għat-trasformazzjoni tal-pajjiż. Huwa wkoll twissija għat-tmexxija politika tal-pajjiż, li jeħtiġilha titbiegħed mill-interess personali u tibda taħdem għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-Bożnija-Herzegovina, u fl-aħħar mill-aħħar twettaq ir-riformi tant meħtieġa.

Il-bidliet ġeopolitiċi, soċjali, teknoloġiċi u ambjentali kbar ma jħallu l-ebda post għall-ambigwità u l-eżitazzjoni. Is-solidarjetà u l-kooperazzjoni huma l-uniċi għodod disponibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi u t-theddid konġunti. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedet dan l-imperattiv u fetħet aktar il-bieb tal-UE għas-sħab li jwettqu r-riformi u jiżguraw allinjament trażversali mal-politiki komuni.

B'rieda u impenn politiku, l-iskużi immaġinarji u d-diviżjonijiet reali jistgħu jingħelbu permezz tar-rikonċiljazzjoni u l-kooperazzjoni. Ir-riformi istituzzjonali u kostituzzjonali jridu jiżguraw in-nondiskriminazzjoni u "tranżizzjoni bla xkiel minn Dayton sa Brussell", bil-ħolqien ta' bażi soda għal Stat paċifiku u funzjonali, fejn iċ-ċittadini kollha jkollhom opportunitajiet indaqs biex isawru l-ħajja politika u pubblika ta' pajjiżhom.

Huwa importanti li jitfakkru l-isforzi tas-soċjetà ċivili indipendenti, il-media, l-impjegati taċ-ċivil u d-detenturi ta' karigi, li jippermettu t-trasformazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina fi Stat multikulturali vibranti u prosperu.

Il-Parlament Ewropew jibqa' sostenitur kbir tat-triq Ewropea tal-Bożnija-Herzegovina, ibbażata fuq it-trasformazzjoni demokratika u l-istat tad-dritt. L-UE ser tkompli ttipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku sostanzjali biex tiffaċilita t-trasformazzjoni u l-progress tal-pajjiż. Huwa f'idejn il-mexxejja politiċi tal-pajjiż u s-soċjetà tiegħu li jużaw l-opportunitajiet biex jitbiegħdu mid-diviżjonijiet lejn pluraliżmu demokratiku vijabbli għall-benefiċċju tal-pajjiż kollu u tal-poplu tiegħu.

Issa wasal iż-żmien li tinħataf l-opportunità u jitmexxew 'il quddiem ir-riformi politiċi u soċjoekonomiċi tal-Bożnija-Herzegovina.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.6.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 63 -: 9 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Anna Fotyga, Michael Gahler, Kinga Gál, Giorgos Georgiou, Karol Karski, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Lukas Mandl, Thierry Mariani, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Mounir Satouri, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Harald Vilimsky, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ioan-Rareș Bogdan, Marc Botenga, Angel Dzhambazki, Markéta Gregorová, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Katrin Langensiepen, Karsten Lucke, Alessandra Moretti, María Soraya Rodríguez Ramos, Bert-Jan Ruissen, Christian Sagartz, László Trócsányi, Mick Wallace
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Margrete Auken, Clare Daly, Cyrus Engerer, Helène Fritzon, Irena Joveva, César Luena, Antonio Maria Rinaldi, Marco Zullo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>63</b>	<b>+</b>
ECR	Angel Dzhambazki, Anna Fotyga, Karol Karski, Jacek Saryusz-Wolski, Witold Jan Waszczykowski
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi, Antonio Maria Rinaldi
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Ioan-Rareș Bogdan, Michael Gähler, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Lukas Mandl, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Christian Sagartz, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Irena Joveva, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, María Soraya Rodríguez Ramos, Salima Yenbou, Marco Zullo
S&D	João Albuquerque, Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Cyrus Engerer, Helène Fritzon, Dietmar Köster, Karsten Lucke, César Luena, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos
The Left	Clare Daly, Marisa Matias, Mick Wallace
Verts/ALE	François Alfonsi, Margrete Auken, Markéta Gregorová, Katrin Langensiepen, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

<b>9</b>	<b>-</b>
ECR	Charlie Weimers
ID	Jean-Lin Lacapelle, Jaak Madison, Thierry Mariani, Harald Vilimsky, Bernhard Zimniok
NI	Kinga Gál, Kostas Papadakis, László Trócsányi

<b>3</b>	<b>0</b>
ECR	Bert-Jan Ruissen
The Left	Marc Botenga, Giorgos Georgiou

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni